

Brussell, 22 ta' Mejju 2026
(OR. en)

9563/26

AG 79
INST 230
ENV 550
SOC 281
PHYTOSAN 45
FREMP 181

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	20 ta' Mejju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 8551 final
Suġġett:	DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI ta'19.5.2026 dwar it-talba għar-reġistrazzjoni, skont ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata "Drittijiet għan-Natura: L-għoti tas-Setgħa liċ-Ċittadini biex Jirrappreżentaw u Jiproteġu l-Ekosistemi"

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 8551 final.

Mehmuż: C(2026) 8551 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 19.5.2026
C(2026) 8551 final

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta'19.5.2026

dwar it-talba għar-reġistrazzjoni, skont ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata “Drittijiet għan-Natura: L-għoti tas-Setgħa liċ-Ċittadini biex Jirrappreżentaw u Jipproteġu l-Ekosistemi”

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta'19.5.2026

dwar it-talba għar-reġistrazzjoni, skont ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata “Drittijiet għan-Natura: L-għoti tas-Setgħa liċ-Ċittadini biex Jirrappreżentaw u Jipproteġu l-Ekosistemi”

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Fis-27 ta' Marzu 2026, ġiet ippreżentata talba lill-Kummissjoni għar-reġistrazzjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata “Drittijiet għan-Natura: L-għoti tas-Setgħa liċ-Ċittadini biex Jirrappreżentaw u Jipproteġu l-Ekosistemi”.
- (2) L-għan ta' din l-Inizjattiva kif espress mill-organizzaturi huwa li “Tirrikonoxxi d-Drittijiet tan-Natura fil-liġi Ewropea permezz ta' att legali bħal direttiva jew regolament biex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-ekosistemi”. L-organizzaturi: “Aħna nfittxu li mmorru lil hinn mit-trattament tan-natura bħala proprjetà billi nirrikonoxxu l-ekosistemi bħala entitajiet haġġin b'valur intrinsiku u bi drittijiet fundamentali” inklużi “d-drittijiet li jeżistu, li jirriġeneraw il-bijokapaċitajiet u ċ-ċikli vitali tagħhom, u li jiġu restawrati”. L-organizzaturi jqisu li l-“[e]kosistemi għandhom jingħataw ukoll personalità ġuridika”. L-għan huwa wkoll li “ċ-ċittadini u l-komunitajiet jingħataw is-setgħa li jaġixxu bħala amministraturi u rappreżentanti tal-ekosistemi, kemm biex jipprevjenu l-ħsara kif ukoll biex jappoġġaw il-protezzjoni, ir-restawr u r-riġenerazzjoni. Għalhekk, dawn ir-rappreżentanti għandu jkollhom *locus standi* u miżuri legali addizzjonali meta jiddefendu d-drittijiet tal-ekosistemi, filwaqt li jibnu fuq l-eżempju ta' Mar Menor fi Spanja”. L-anness tal-inizjattiva jipprovdi dettalji ulterjuri dwar l-isfond tagħha, is-suġġett tagħha u l-oġġettivi tagħha.
- (3) Il-Kummissjoni tqis li, abbażi tal-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) b'rabta mal-Artikolu 191(1) tat-TFUE, tista' tadotta proposta għal att legali biex issaħħaħ il-protezzjoni tal-ekosistemi, inklużi d-drittijiet li jeżistu, li jirriġeneraw il-bijokapaċitajiet u ċ-ċikli vitali tagħhom, u li jiġu restawrati. Att bħal dan jista' jaġhti wkoll personalità ġuridika lill-ekosistemi u jaġhti liċ-ċittadini u lill-komunitajiet *locus standi* biex jaġixxu f'isimhom.

¹ ĠU L 130, 17.5.2019, p. 55, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/788/oj>

- (4) Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-ebda parti mill-inizjattiva ma taqa' manifestament barra mill-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni li tippreżenta proposta għal att legali tal-Unjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati.
- (5) Dik il-konklużjoni ma taffettwax il-valutazzjoni dwar jekk il-kundizzjonijiet sostantivi konkreti meħtieġa biex il-Kummissjoni taġixxi, inkluża l-konformità mal-prinċipji tal-proporzjonalità u tas-sussidjarjetà u l-kompatibbiltà mad-drittijiet fundamentali, ikunux issodisfati f'dan il-każ.
- (6) Il-grupp ta' organizzaturi pprova evidenza xierqa li huwa jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2019/788 u ħatar il-persuni ta' kuntatt f'konformità mal-Artikolu 5(3), l-ewwel subparagrafu, ta' dak ir-Regolament.
- (7) L-inizjattiva la hija manifestament abbużiva, frivola jew vessatorja u lanqas ma tmur manifestament kontra l-valuri tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jew kontra d-drittijiet minqixin fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
- (8) Għalhekk, l-inizjattiva intitolata "Id-Drittijiet għan-Natura: L-għoti tas-Setgħa liċ-Ċittadini biex Jirrappreżentaw u Jiproteġu l-Ekosistemi", jenħtieġ li tiġi rreġistrata.
- (9) Il-konklużjoni li l-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE) 2019/788 huma ssodisfati, ma timplikax li l-Kummissjoni b'xi mod jew ieħor tikkonferma l-korrettezza fattwali tal-kontenut tal-inizjattiva, li hija r-responsabbiltà unika tal-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva. Il-kontenut tal-inizjattiva jesprimi biss il-fehmiet tal-grupp ta' organizzaturi, u bl-ebda mod ma jista' jitqies li jirrifletti l-fehmiet tal-Kummissjoni.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata "Drittijiet għan-Natura: L-għoti tas-Setgħa liċ-Ċittadini biex Jirrappreżentaw u Jiproteġu l-Ekosistemi" għandha tiġi rreġistrata.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva taċ-ċittadini intitolata "Drittijiet għan-Natura: L-għoti tas-Setgħa liċ-Ċittadini biex Jirrappreżentaw u Jiproteġu l-Ekosistemi", irrappreżentata minn Emmanuel SCHLICHTER u Marine YZQUIERDO li qegħdin jaġixxu bħala persuni ta' kuntatt.

Magħmul fi Strasburgu, 19.5.2026

*Għall-Kummissjoni
Maroš ŠEFČOVIČ
Membru tal-Kummissjoni*